# Personaġġi storiċi b'konnessjoni mal-Knisja l-Qadima

Sandro Sciberras

F'dan l-artiklu, ser nagħtu ħarsa lejn erba' persuni, li żgur smajtu bihom, li b'xi mod jew ieħor ħallew isimhom marbut ma l-istorja tal-Knisja l-Qadima. L-iskop m'huwiex li nikteb bijografija ta' dawn in-nies iżda aktar biex naraw b'liema mod kellhom x'jaqsmu mal-knisja tagħna.



**Dun Filippu Borg(ia) 1567 - 1649**

Il-ħajja ta' Dun Filippu Borgia hija marbuta kważi totalment ma' l-istorja tal-bini tal-Knisja. Huwa twieled f'Birkirkara u sar qassis ta' 26 sena. Minħabba l-attakki spissi tal-furbani, inħasset il-ħtieġa li tinbena knisja ġdida, minflok dik medjevali li kien iddeskriva Mons. Dusina. Dun Filippu kien il-benefattur prinċipali ta' din il-knisja, flimkien ma' l-għotjiet tan-nies komuni. Dan nistgħu narawh fl-iskrizzjoni fil-faċċata tal-knisja. Kitba oħra li tagħti xhieda ta' dan hija l-iskrizzjoni li tinsab fuq il-bieb tal-lemin tal-knisja, li tagħti ġieħ lil dan il-benefattur tagħha. L-arma ta' Dun Filippu tidher kemm fil-faċċata tal-knisja kif ukoll madwar id-dawra kollha tal-knisja fuq ġewwa - torri b'gendus fuq kull naħa. Fil 5 ta' Diċembru 1630, bil-Bolla "Sacri Apostolatus Ministerio", il-Papa Urbanu VIII ħatar lil Dun Filippu l-ewwel Prepostu tal-Knisja, u l-Knisja saret l-ewwel Kolleġjata ta' Malta. Madankollu il-knisja kienet għadha mhiex lesta. Miet fit-8 ta' Ottubru 1649, midfun, skond ir-Reġistri, f'qabar fil-kor, li dejjem kien merfugħ għal preposti.

**Vittorio Cassar ? - 1607**

Vittorio Cassar huwa iben Ġlormu Cassar, li kien l-aktar arkitett Malti importanti għal l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Meta miet Ġlormu, Vittorio ħa postu. Vittorio Cassar iddisinja, iżda mhux neċessarjament bena, il-Fortizza ta' Santa Marija fuq Kemmuna, il-Fortizza ta' San Tumas u l-Fortizza ta' San Luċjan, kollha fi żmien il-Granmastru Alof De Wignacourt. Iddisinja ukoll xi knejjes, fosthom il-Knisja l-Qadima, il-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ u forsi ukoll dik ta' Ħal Tarxien. Wieħed mill-istudenti tiegħu kien Tumas Dingli.

storja

**Tumas Dingli 1591 - 1666**



Tumas Dingli twieled fit-22 ta' Diċembru 1591. Ma nafu xejn dwar tfulitu, ħlief li missieru kien skultur u prokuratur tal-Parroċċa ta' H'Attard. Dun Filippu Borgia qabbad lil Dingli biex jaħdem fuq il-bini tal-knisja l-ġdida ta' Birkirkara, u ħadem ukoll biex joħroġ lil Tumas Dingli mil-ħabs meta kien arrestat, bl-iskuza li "...la fabrica di detta chiesa ancora e imperfetta li abbiamo bisogno della sua opera et assistenza non solamente per un anno o doi ma piu..."Ma nafux kemm dam biex bena il-knisja u lanqas kemm tħallas għal dan ix-xogħol. Dan minħabba li ma nafux li għadjeżistu kuntratti li jagħtu aktar informazzjoni. Tumas Dingli iddisinja ukoll il-Palazz tal-Isqof Cagliares fil-Belt Valletta, u għen fil-bini ta' l-akwedotti. Huwa iddisinja ukoll il-Knisja Parrokkjali ta' H'Attard, tan-Naxxar, Ħaż-Żabbar tal-Għargħur u tal-Gudja. Miet fit-28 ta' Jannar 1666, u huwa midfun fil-knisja parrokkjali ta H'Attard, fejn kien ħadem għal 50 sena.

**Dun Gejt Mannarino 1733 - 1814**



Għalkemm dan il-personaġġ mhuwiex marbut direttament mal-Knisja l-Qadima, jibqa' l-fatt li huwa persuna storika u li midfun fil-knisja tagħna, u għalhekk ħassejt li kellu ninkludih ukoll. Dun Gejt tgħammed fid-29 ta' Awissu 1773 fil-knisja ta' San Pawl, fil-Belt, minħabba li kien mill-Belt. Baqa' magħruf fl-istorja ta' Malta minħabba li kellu sehem importanti fil-Konġura tal-Qassisin kontra il-Granmastru Ximenes, fl-1775. Minħabba dan l-irvell, dam 22 sena fil-ħabs, u nħeles minn Napuljun. Ir-rabta tiegħu ma' Birkirkara tibda fl-aħħar parti ta' ħajtu. Fit-testment tiegħu, kien ħalla miktub li meta jmut, ried jindifen "frokna moħbija" fil-knisja tal-post fejn ikun qed joqgħod. Miet fis-7 ta' April 1814, u dak iż-żmien kien joqgħod f'San Ġiljan. Minħabba li San Ġiljan kien għadu jagħmel parti mill-parroċċa ta' Birkirkara, u hu ried jin-difen "frokna moħbija", ħasbu li jidfnuh fil-Knisja l-Qadima, li kienet diġa abbandunata u ġa bdiet taqa'. Fir-reġistru tal-parroċċa ta' Birkirkara, hemm miktub li Dun Gejt kellu funeral mill-aktar fqir, u m'hemm l-ebda ħjiel ta' liema hu il-qabar tiegħu. Fil-knisja kien hemm lapida ta' l-irħam li tfakkar lil Dun Gejt. Issa din il-laipda, li sfortunatament saritilha ħsara kbira meta inqalgħet minn postha xi snin ilu, tinsab fis-sagristija tal-lemin.

Referenzi-

Vella E.B., L-Istorja ta' Birkirkara bil-Kolleġjata tagħha,

Zammit E., Thomas Dingli 1591-1666., B.A.(Hons) History dissertation

Hughes Q., The Building of Malta

The Rising of the priests., B.a. (Gen.) Dissertation

Melita Historica Vol VI no. 3

storja